**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**29 ta’ Ottubru 2018**

**Rikors Numru 38/2018**

**Philip Forace**

**Vs**

**L-Awtorita` ta’ l-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta’ **Philip Forace** ipprezentat fis-27 ta’ April 2018 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*“Dikjarazzjoni tas-Suġġett u r-Raġuni għat-Talba*

1. *B’ittra tat-23 ta’ Marzu 2018 (u notifikata lill-esponenti fl-10 t’April 2018), l-esponenti appellanti ġie infurmat illi t-talba tiegħu għan-No Objection in Principle, senjatament ‘To Propose tables and chairs arrangements over the footpath at Pjazza Sant’Anna, Sliema’, kienet mhux qegħda tiġi milqufha, u dan “Peress li se jinħoloq preċedent u li l-Pjazza għandha tibqa’ għal użu tal-pubbliku”.*

2. *L-esponenti ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni, u għaldaqstant, qiegħed iressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu ai termini tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta’ Malta*

*It-Talba*

1. *L-esponenti jitlob għaldaqstant illi dan it-Tribunal jogħġbu, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni jew ordni meqjusa opportuna fiċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-każ: Iħassar id-deċiżjoni*

*tal-Bord tal-Gvernaturi meħuda fid-9 ta' Frar 2018, komunikata lill-esponenti b'ittra tat-23 ta' Marzu 2018, notifikata lilu fl-10 ta' April 2018, u jilqa' minflok it-talba tiegħu kif magħmula lill-Awtorità intimata, u bl-ispejjeż kontriha.*

*<u>Esposizzjoni tal-Fatti tal-Każ</u>*

*Il-fatti tal-każ huma dawn:*

1. *L-esponenti huwa sid ta' ħanut tal-ikel ġewwa Pjazza Sant'Anna (llum mikri u huwa ġestit bl-isem "ozSofra Kebab"). Huwa kien, tramite l-Perit tiegħu, talab illi fil-kantuniera tal-pjazza, ikun hemm arranġamenti ta' mwejjed u siġġijiet f'area ta' daqs limitat ħafna. Għal dan il-għan, talab illi l-Awtorità tal-Artijiet tagħtih in-No Objection in Principle biex b'hekk huwa jkun jista' jissokta bil-proposta mal-Awtorità tal-Ippjanar.*

2. *L-esponenti huwa tal-fehma illi r-raġunijiet tar-rifjut (li huma tnejn – li jinħoloq preċedent, u li l-Pjazza jeħtieġ tibqa' għall-użu pubbliku) huma it-tnejn immeritati, u b'hekk id-deċiżjoni meħuda kienet waħda arbitrarja, inġusta u diskriminatorja, u għandha tinbidel. Dan, għar-raġunijiet illi se jiġu spjegati fil-paragrafi li ġejjin.*

***Dwar il-Ħolqien ta' Preċedent:***

3. *L-esponenti umilment iħoss illi fl-akkwati, wieħed ftit li xejn jista' jitkellem fuq xi possibiltà, illi bl-għoti tal-proposta, se jinħoloq xi preċedent. Jekk wieħed joqgħod preċiżament fil-lok fejn qiegħed jiġi propost li jitpoġġew ftit siġġijiet u mwejjed, wiċċu lejn it-triq, u jdawwar ħarstu lejn ix-xellug, se jsib stabbiliment wara l-ieħor bi mwejjed u siġġijiet fuq il-bankina minn prattikament quddiem Pjazza Sant'Anna sal-kumpless ta' Tignè. Jekk wieħed imbagħad idawwar ħarstu lejn il-lemin, se jerġa jsib ħanut wara ħanut bi mwejjed fuq il-bankina mill-kantuniera ta' Triq it-Torri, li jibqgħu sejrin sal-Gżira u saħansitra sa Ta' Xbiex.*

4. *Għalhekk, b'kull rispett, huwa kemmxejn assurd li jingħad li l-proposta toħloq xi forma ta' preċedent; trattasi hawnhekk ta' proposta għal żieda f'ammonti minimi u limitati (24m$^2$) ta' mwejjed u siġġijiet li huma anke aesthetically pleasing, f'żona illi hija altru minn committed, ma jistax wieħed jibqa' jitkellem fuq xi ħolqien tal-preċedent. Meta prattikament kull stabbiliment f'kull naħa taż-żona (anke faċċata, mal-baħar) għandu tined kontra tined b'għadd ta' mwejjed u siġġijiet fihom li saħansitra joħonqu l-bankini minn fejn jgħaddu n-nies, illi wieħed jitkellem fuq xi forma ta' ħolqien ta' preċedent għal proposta li la tinkludi tined, u lanqas tinkludi xi oġġett ieħor li jmess b'xi mod il-ftuħ tal-Pjazza Sant'Anna, jista' jitqies biss bħala aġir diskriminatorju.*

5. *Min-naħa l-oħra, wieħed ma jistax jitkellem biss fuq Pjazza Sant'Anna weħidha, u jiżolaha bħal donnu dak li qiegħed iseħħ ftit metri 'il bogħod mill-pjazza ma jeżistix. Għandu jkun paċifiku illum illi ż-żona ta' madwar il-Pjazza, lejn kull direzzjoni, hija miżgħuda b'għadd ta' stabbilimenti li jgawdu minn imwejjed u siġġijiet, u saħansitra drittijiet oħra (bħal tined), li huma ferm lil'hinn u ferm aktar onerużi minn dawk li talab l-esponenti. Allura kif proposta ħafna aktar konservattiva jista' qatt jingħad illi qed toħloq preċedent?*

6. *Min-naħa l-oħra, il-fatt li hawn trattasi ta' pjazza lanqas jikkomforta r-raġunament tal-"preċedent". Wieħed irid ifakkar illi prattikament kull pjazza f'Malta fiha stabbilimenti bis-siġġijiet u l-imwejjed, u xi drabi b'umbrelel u tined massiċċi li ċertament huma ferm lil'hinn minn dak propost mill-esponenti. Jekk kien hemm perikolu ta' preċedent, dan ilu li nħoloq. Bħala eżempju, jistgħu jissemmew per eżempju litteralment il-pjazez kollha ġewwa l-Belt Valletta (Misraħ San Ġorġ, Misraħ l-Assedju l-Kbir, Misraħ San Ġwann, Misraħ ir-Repubblika u Misraħ il-Ħelsien) – ilkoll miżgħuda bis-siġġijiet u l-imwejjed, kif ukoll umbrelel u tined ta' kull lewn u daqs. F'kull raħal hemm pjazez bħal dawn. Kif allura l-proposta tal-esponenti (li hija ferm aktar konservattiva minn dak li hemm diġà) "toħloq preċedent", meta preċedenti hemm bl-għexieren, huwa pjuttost inspjegabbli.*

7. *Tabilħaqq, il-preċedenti eżistenti huma raġuni illi timmilita favur il-proposta tal-esponenti; dan għaliex ġaladarba hemm tant pjazez oħrajn li fihom arranġamenti simili jew aktar massiċċi, u ġaladarba f'Tas-Sliema stess – ftit metri 'l bogħod – hemm numru kbir ta' stabbilimenti b'arranġamenti simili u aktar massiċċi, ir-raġuni għar-rifjut tista' tkun biss waħda arbitrarja u fuq kollox, diskriminatorja. Ifisser b'daqstant, illi meqjus kollox, inkluż il-preċedenti stabbiliti fil-passat, anke dak riċenti, għandu jirriżulta illi d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità tal-Artijiet kienet waħda arbitrarja, inġusta u diskriminatorja, u jistħoqqilha tinbidel.*

***Dwar l-Użu tal-Pubbliku:***

8. *Bil-proposta kif inhi, l-ispazju fejn qegħdin jiġu proposti l-imwejjed u s-siġġijiet ma huwiex se jingħalaq. L-użu pubbliku se jibqa' hemm; kull ma se jinbidel huwa hemmhekk, flok bil-wieqfa, il-pubbliku jista' jpoġġi bilqegħda u jiekol fil-kumdità. Huwa minnu illi l-użu tal-imwejjed u s-siġġijiet se jkun ukoll għall-benefiċċju tal-ħanut fil-viċin; iżda ma hemm xejn x'jillimita l-użu għal dan biss.*

9. *Barra minn hekk, illum, bħala stat ta' fatt, numru ta' nies li jmorru jixtru mingħand il-ħanut tal-ikel fi Pjazza Sant'Anna, Tas-Sliema, qegħdin jagħżlu illi flok joqgħodu ġewwa, jieklu l-ikel barra, fil-Pjazza, bid-differenza illi minflok għandhom il-kumdità tas-siġġijiet u l-imwejjed, ikollhom joqgħodu fuq il-bankijiet kiesħa tal-ġebel u tal-injam, b'riżultat (bla mwejjed fejn iqegħdu l-ikel) illi jispiċċaw iħammġu bla bżonn. Is-siġġijiet u l-imwejjed*

*proposti sejrin jiffaċilitaw it-tgawdija tal-Pjazza u jżommuha aktar nadifa, bla ma b'xi mod jillimitaw l-użu tagħha mill-pubbliku ġenerali. Tabilħaqq, hija l-fehma tal-esponenti illi b'hekk, il-Pjazza tingħata l-ħajja għaliex tinkoraġixxi aktar nies jiffrekwentaw iż-żona f'ambjent komdu u nadif.*

10. *Wieħed forsi jifhem it-tħassib tal-Awtorità intimata kieku fil-proposta tal-esponenti appellanti, b'xi mod ġie propost il-bini ta' xi enclosure jew tinda illi joħonqu mill-ftuħ tal-Pjazza kif maħsuba. Imma dan ċertament ma huwiex il-każ. Il-proposta hija sempliċiment dwar tqegħid minimu ta' mwejjed u siġġijiet ta' dehra sabiħa, fi spazju żgħir ferm ($24m^2$), u fil-miftuħ.*

11. *Għaldaqstant, l-esponenti huwa tal-fehma illi r-raġunamenti miġjuba mill-Awtorità tal-Artijiet intimata ma humiex ġustifikati, iżda tabilħaqq, huma arbitrarji u diskriminatorji fil-konfront tal-esponenti appellanti."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` ta' l-Artijiet** datata 21 ta' Mejju 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi r-rikorrent talab l-Awtorita' esponenti permezz ta' applikazjoni numru PLA1/2018/0508 liema applikazjoni hija datata dsatax (19) ta' Frar, elfejn u tmintax (2018) 'to propose tables and chairs arrangements over the footpath at Pjazza Sant Anna, Sliema';*

2. *Illi l-Awtorita' tal-Artijiet b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi datata 9 ta' Frar, 2018 irrifjutat il-kunsens tagħha fil-prinċipju (objection in principle) għat-tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet stante li l-proposta se tkun qed toħloq preċedent u li l-Pjazza għandha tibqa' għal użu tal-pubbliku';*

3. *Illi wara li ngħatat l-imsemmi rifjut ir-rikorrenti talab lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex 'iħassar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi meħuda fid-9 ta' Frar 2018, komunikata lill-esponenti b'ittra tat-23 ta' Marzu 2018, notifika lilu fl-10 ta' April 2018, u jilqa' minflok it-talba tiegħu kif magħmula lill-Awtorità intimata'.*

4. *Illi r-rikorrent tenna illi r-raġunijiet għar-rifjut huma mmeritati, u b'hekk id-deċiżjoni meħuda kienet waħda arbitrarja, inġusta u diskriminatorja, u għandha tinbidel;*

5. *Illi r-rikorrenti jtenni illi ma jistghax jinghad li ser jinholoq xi precedent stante illi max-xatt fuq kull naha hemm imwejjed u siggijiet u li jekk tintlaqa' l-applikazzjoni tieghu ma jfissirx illi l-pjazza ma tkunx tista' titgawda mill-pubbliku;*

6. *L-awtorita' tirribatti dawn ir-ragunijiet u ttenni illi l-precedent li qieghda titkellem fuqu huwa limitat ghall-pjazza Sant' Anna u mhux ghall-catering establishments tal-madwar illi r-rikorrent qed jassumi illi ghaliex ghandhom l-imwejjed u s-siggijiet necessarjament kollha ghandhom permessi ghalihom! Rigward it-tgawdija mill-pubbliku l-Awtorita' tifhem illi wara snin twal fejn il-pjazza in kwistjoni ma kienetx gawduta mill-pubbliku u stante illi l-madwar huwa fil-fatt, kif jghid sew ir-rikorrenti, mizghud bi strutturi ta' stabbilimenti tal-ikel, hija thoss li hemm bzonn illi din iz-zona tibqa' mhux mittiefsa u tibqa' titgawda mill-pubbliku, xi haga illi ghandha d-dritt tiddecidiha stante l-funzjoni taghha emanenti mill-ligi;*

7. *Illi Art7(2)(c) tal-Kap 563 jagħmilha l-funzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet illi "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika" w'għaldaqstant l-Awtorita' kienet fid-dittijiet pjeni tagħha li tiehu tali decizjoni;*

8. *Illi billi wieħed jimxi a bażi ta' liġijiet vigenti ma jfissirx illi wieħed ikun qed jiddiskrimina;*

9. *Illi kif ser jigi pruvat waqt il-mori tal-kawza kien hemm applikazzjonijiet ohra simili rigward l-ispazju fl-istess pjazza liema applikazzjonijiet gew rifjutati w'ghaldaqstant l-Awtorita' esponenti thoss illi huwa f'dan l-istant u jekk ma toggezzjonax fil-principju ghal dan l-izvilupp illi hija tkun qed tiddiskrimina u mhux bil-kontra;*

10. *Illi t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda stante li ma ġiet indikata l-ebda bażi legali fondata, mill-istess rikorrenti, li tikkostitwixxi raġuni valida kemm fil-fatt u kemm fid-dritt amministrattiv li timmerita reviżjoni ta' dan l-għemil amministrattiv;*

11. *Illi rigward l-aggravji u bla preġudizzju għas-suespot id-deċiżjoni mill-Awtorità intimata dwar l-imsemmija applikazzjoni kienet meħuda wara li ġie kkunsidrat l-aħjar użu illi għandu jsir mis-sit in kwistjoni, skond il-prinċipju tar-raġonevolezza fejn tisħaq l-importanza illi kemm jista' jkun l-art pubblika tiġi gawduta mill-pubbliku, liema ragunijiet gew debitament notifikati lir-rikorrenti;*

12. *Illi in oltre fl-istess deċiżjoni tagħha l-Awtorità tat raġuni skont il-prinċipju amministrattiv ormaj stabbilit, "the duty to give reasons" u sejset id-deċiżjonijiet tagħha fuq il-fatti;*

*Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talba mressqa quddiemu mis-soċjetà rikorrenti bl-ispejjeż interament għall-istess soċjetà rikorrenti."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 23 ta' Marzu 2018 fejn gie infurmat illi l-applikazzjoni tieghu ghan-*no objection* da parti taghha sabiex ipoggi mwejjed u siggijiet fi Pjazza Sant'Anna, Sliema kienet qieghda tigi michuda peress li kien se jinholoq precedent u li l-pjazza ghandha tibqa' ghal uzu tal-pubbliku.

**Ir-rikorrent** spjega illi huwa ghandu ristorant, liema ristorant huwa mikri lil terzi li jiggestixxu hanut tat-*Turkish kebab*, u applika biex jinghata permess mill-Awtorita` intimata sabiex ikun jista' jpoggi mwejjed u siggijiet fl-istess pjazza. Skont hu, huwa biss jista' jkollu dan it-tip ta' permess ghax il-hwienet li hemm hdejh ma jikkwalifikawx bhala ristoranti peress li m'ghandhomx l-*standards* li l-awtoritajiet jirrikjedu biex jinhareg permess ta' ristorant. Jispjega li ftit metri 'l boghod minn fejn huwa qieghed jipproponi li jpoggi s-siggijiet u l-imwejjed hemm hwienet ohra li ghandhom koncessjonji simili, anzi dawn l-istess hwienet ghandhom il-parti esterna maghluqa b*'enclosures*. Jghid li l-imwejjed u s-siggijiet proposti minnu ghamilhom f'parti li m'hu se jikkawzaw inkonvenjent ghal hadd. Ir-rikorrent jaghmel paragun ma' ghadd ta' pjazez principali gewwa Malta u Ghawdex fejn f'dawn kollha jezistu stabbilimenti tal-ikel li ghandhom imwejjed u siggijiet fuq barra.

**Il-Perit Duncan Polidano** spjega illi huwa kien inkarigat mir-rikorrent sabiex isib soluzzjoni biex ikabbar l-*area* fejn jista' jpoggi siggijiet u mwejjed quddiem is-sit kummercjali tieghu. Jispjega li l-ispazju fi Pjazza Sant'Anna huwa xi ftit limitat bl-*street furniture*, sigar u funtana li hemm. Jispjega li huwa kien sorpriz bir-rifjut tal-applikazzjoni odjerna ghaliex huwa kien konsapevoli li kienu inghataw permessi simili ftit metri 'l boghod. Jispjega li l-izvilupp propost kien se jsir fejn il-pjazza hija *dead end*.

**Dr. Anita Giordmaina**, Segretarja tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata, xehdet illi l-Bord hass illi l-pjazza in kwistjoni kellha tithalla biex titgawda mill-pubbliku. Mistoqsija ghaliex din id-decizjoni ma ttihdix ukoll fir-rigward ta' pjazzez ohra f'Malta, ix-xhud wiegbet li l-Awtorita` intimata hija s-sid tal-art u tiddeciedi hi liema art ghandha tithalla ghall-uzu pubbliku. Ix-xhud spjegat illi minn meta bdiet tiffunzjona l-Awtorita` intimata kien hemm istanzi ohra fejn

intalbu permessi sabiex jitpoggew imwejjed u siggijet fl-istess pjazza u l-Awtorita` intimata cahdet tali permessi u fil-fatt esebiet xi *emails* li jevidenzaw dan il-fatt.[1]

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata li rrifjutat li tohrog *no objection* sabiex isir zvilupp fuq art pubblika biex jitpoggew imwejjed u siggijiet. Illi s-sit in kwistjoni huwa Pjazza Sant'Anna, Sliema, is-sit li fuqu fil-passat kien hemm l-istabbiliment tal-ikel maghruf bhala "Magic Kiosk" u li dwaru saru diversi battalji legali bejn l-okkupant u d-Dipartiment ta' l-Artijiet biex finalment il-Gvern rega' ha pussess tal-istess pjazza u ghamel tisbih fiha b'diversi bankijiet, funtana u sigar.

Illi ai termini tal-artikolu 7 (c) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar l-Awtorita` Tal-Artijiet), l-istess Awtorita` ghandha l-funzjoni li *"tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir* ***l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta*** *u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika bħall-perimetru tal-kosta, ix-xtut, portijiet, mollijiet, puntuni, portbeaches, postijiet ta' nżul, irmiġġi, kanali, akwadotti, lagi, spieri naturali, irdum, widien,* ***pjazez pubbliċi****, toroq, sqaqien, korsiji, rotot ta' aċċess għall-postijiet pubbliċi oħra inkluż dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta, boskijiet, parki, żoni ta' importanza ekoloġika jew ambjentali u s-siti ta' importanza kulturali, soċjali, jew storiċi."*

Illi din il-funzjoni l-Awtorita` intimata tezercitata *tramite* l-Bord tal-Gvernaturi imwaqqaf permezz ta' artikolu 9 tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jirrizulta illi r-rikorrent ghandu stabbiliment li jikrih lil terzi li jiggestixxu minnu negozju tal-bejgh ta' ikel Tork, u ghalhekk jixtieq li min jixtri minghand l-imsemmi hanut ikun jista' joqghod jiekol dak li jkun xtara faccata tal-istess hanut. Illi t-Tribunal josserva illi mid-disinji esebiti mir-rikorrent stess hemm diversi bankijiet fejn persuni jistghu joqoghdu bilqieghda jieklu fil-pjazza. Veru li forsi ma jkollhomx mejda, pero` certament hemm diversi postijiet fejn jistghu joqoghdu bilqieghda. Illi r-rikorrent semma' li hu preokkupat li min jixtri l-ikel mill-istabbilment in kwistjoni jhammeg il-pjazza bil-karti li jkun fih l-ikel u li ghalhekk jekk ikun hemm l-imwejjed u s-siggijiet dan l-iskart jonqos. Illi dan it-Tribunal ma jarax li din hija raguni valida ghala ghandu jkun hemm imwejjed u siggijet fl-istess pjazza. Ghandha tigi mill-persuni li jixtru mill-istabbiliment tar-rikorrent jew

[1] Dokument AG1 a fol. 146

kwalunkwe stabbiliment iehor li jzommu nadih l-ambjent ta' madwarhom u jarmu l-iskart fir-recipjenti appoziti..

Illi jirrizulta illi l-intenzjoni tal-Awtorita` intimata ghall-imsemmija pjazza hija li din tithalla libera minn tqeghid ta' siggijiet u mwejjed. Fil-fatt dan huwa evidenzjat minn rifjut ta' applikazzjoni ohra intavolata fl-istess zminijiet li giet intavolata l-applikazzjoni odjerna fejn l-Awtoria` intimata wkoll irrifjutat lil taghti n-*no objection* taghha ghal talba ta' tqeghid ta' mwejjed u siggijiet fl-istess pjazza. Illi m'hemm xejn censurabbli dwar il-fatt li l-Awtorita` intimata hadet decizjoni li l-pjazza in kwistjoni tibqa' ghal uzu pubbliku u li ma tixtieqx tohloq precedent billi taghti koncessjonijiet simili ghal dawk mitluba mir-rikorrent.

Illi dwar il-fatt li r-rikorrent jishaq illi fi pjazzez ohra, u wkoll ftit metri boghod hemm koncessjonijiet simili ghal dawk mitluba minnu, dan minnu nnifsu ma jikkreax xi obbligu fuq l-Awtorita` intimata li bilfors taghtih il-koncessjoni mitluba f'din il-pjazza partikolari. Dan dejjem sakemm l-Awtorita` intimata turi raguni valida ghaliex tkun harget ir-rifjut fil-kaz partikolari. It-Tribunal jifhem li r-rikorrent jista' jhossu urtat bid-decizjoni tal-Awtorita` intimata u mill-ottika tieghu jista' jkun li jikkonsidra li gie ddiskriminat, pero` t-Tribunal jirrileva illi l-ligi nnifisha timponi fuq l-Awtorita` intimata, *qua* amministratur tal-art pubblika, li tamministra l-art pubblika bl-ahjar mod possibbli. It-Tribunal ma jara l-ebda nuqqas ta' ragonevolezza li l-istess Awtorita` hadet decizjoni li din il-pjazza tamministraha bil-mod kif iddecidiet li tamministraha, u cioe` li thalliha ghat-tgawdija tal-pubbliku in generali minghajr ebda ingombru ta' mwejjed u siggijiet. Anzi, jirrizulta illi l-Awtorita imxiet b'konsistenza billi implimentat b'mod uniformi d-decizjoni taghha, w irrifjutat kull applikazzjoni ghat-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet f'din il-pjazza. It-Tribunal jirrileva illi n-*no objection in principle* li ricentement nghatat favur l-Awtorita` ghat-Turizmu biex jitpogga *kiosk* digitali ghall-informazzjoni ta-turisti u tal-pubbliku in generali fil-pjazza in kwistjoni certament ma jistghax jigi paragunat mat-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet fl-istess pjazza.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-operaturi tan-negozji jridu jifhmu illi m'ghandhom l-ebda dritt sagrosant illi ghaliex ghandhom stabbiliment necessarjament l-Awtorita` intimata trid takkomodahom u timmultiplikalhom is-*seating capacity* bil-koncessjonijiet fuq art pubblika. L-art pubblika hija art li ghandha titgawda minn kulhadd u jekk fil-passat inghataw certi koncessjonijiet ma jfissirx illi l-Awtorita` prezenti ma tistghax tirrevedi *policies* biex taqdi ahjar il-funzjonijiet taghha, fost ohrajn li tamministra bl-ahjar mod possibbli l-uzu tal-art pubblika. Dan dejjem sakemm din il-funzjoni tezercitaha b'mod gust u ragjonevoli.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn x’jiccensura mid-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa’ r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**